

# Xbihat impittra ta' San Ġorġ fil-knejjes parrokkjali Għawdxin

Is-Sur Francesco Pio Attard

Ir-rappreżentazzjoni artistika ta' San Ġorġ fil-gżira li tqimu bħala Patrun, Għawdex, mhix limitata biss għall-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, fejn l-erba' arzelel u s-saqaf kollu tista' tgħid miksija bi xbihetu, xogħol tas-snin ħamsin u sittin tal-Professur Gian Battista Conti (1878-1971), li jikkumplimentaw ix-xogħlijiet eqdem tat-titular tal-Preti u l-kwadri laterali ta' Zahra, tas-sekli sbatax u tmintax rispettivament. Fil-Bażilika Ġorġjana, ix-xbieha mpittra ta' San Ġorġ tidher mill-inqas fi tlettax-il pittura differenti.

**Il-Bażilika ta' San Ġorġ**

L-eqdem xbieha mpittra ta' tema Ġorġjana li għadha eżistenzi fil-Knisja parrokkjali tal-Belt Victoria hi bla dubju ta' xejn il-kwadru titulari ta' Mattia Preti (1613-1699) fl-1678, li juri l-ikona klassika ta' San Ġorġ bix-xabla misluta f'idu, wieqaf rebbieħ quddiem iż-żiemel bajdani tiegħu, jisħaq taħt riġlejh id-dragun infernali.

Iż-żewġ kwadri laterali, fuq kull naħa tal-altar maġġur li fuqu hemm dan it-titular, huma xogħol ta' Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773) u saru fl-1763. Jidher ċar li tpittru bil-ħsieb li jikkumplimentaw fl-istil u b'xi mod jindirizzaw l-attenzjoni tad-devoti lejn il-kwadru titulari. Dawn iż-żewġ kwadri jġibu żewġ mumenti importanti lejn tmiem il-ħajja tal-qaddis: fuq naħa naraw lit-Tribun nobbli jitressaq quddiem il-Qorti tal-Imperatur Djoklezjanu, waqt li faċċata jidher il-Martirju glorjuż tal-Qtugħ ir-Ras.

Ix-xogħlijiet l-oħra huma iktar riċenti. Sa nofs is-seklu għoxrin, is-saqaf tal-Bażilika kien għadu prattikament vojt. Bħala parti minn proġett ambizzjuż tad-dekorazzjoni kollha, inġab minn Ruma l-artist Gian Battista Conti, li wara li ħeles il-koppla bit-tema tal-Ktieb tal-Apokalissi, mill-1950 sal-1952 pinġa s-sitt kwadri tas-saqaf tal-korsija u l-kappelluni laterali, li f'sitt episodji differenti juru l-ħajja u l-martirju ta' San Ġorġ, imnebbħa mit-tradizzjoni aġjografika u l-Passio tal-martirju tiegħu. Wara dawn, Conti kompla biex bejn l-1953 u l-1958 pinġa l-erba' arzelel, tnejn minnhom juru mumenti fl-istorja tal-gżejjer tagħna li fihom San Ġorġ qabeż għall-poplu tagħna, u t-tnejn l-oħra l-glorja tiegħu fis-Sema u fil-qima tal-ġnus kollha tal-art. B'hekk dan l-artist Ruman għandu l-akbar għadd ta' xogħlijiet ta' pittura fil-Bażilika, fil-parti l-kbira minnhom ta' tema Ġorġjana.

Ta' min jgħid ukoll li flok l-Arzella tal-Abside tal-Kor, qabel kien hemm impittra oħra bl-istess tema, L-Apoteożi ta' San Ġorġ, l-aktar xogħol bikri ta' Robert Caruana Dingli fl-1920, li billi kienet impittra fuq il-ġebel, ġiet mgħottija mill-ġdida.
Ix-xbieha ta' San Ġorġ tidher ukoll fit-tliet kwadri tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fis-saqaf tas-Sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li nħadmu fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ iċċelebrat fl-2003.

**Xbihetu mxerrda ma' Għawdex kollu**

Imma bosta huma x-xbihat oħra tal-qaddis imxerrda mal-gżira, kemm fit-toroq tagħha, mal-ħitan tad-djar u f'xi niċeċ, u kemm fil-knejjes; dan barra l-ħafna kwadri, statwi u ritratti tal-qaddis mifruxa fid-djar tal-Għawdxin. Dan kollu jixhed għall-kult qadim sew li gawda l-martri tagħna f'Għawdex, fejn tradizzjoni b'saħħitha tikkoloka fi żmien il-Biżantini l-wasla tal-kult Ġorġjan fil-gżira.
Nillimitaw ruħna biex insemmu x-xbihat impittra tal-qaddis li sal-lum insibu fil-knejjes parrokkjali l-oħra ta' Għawdex. Din mhijiex xi analiżi artistika ta' dawn il-pitturi, imma biss deskrizzjoni sempliċi bi ftit sfond storiku u tifsir ikonografiku.

**Fil-Katidral**

Nibdew mill-post fejn hemm l-aktar xbieha riċenti ta' San Ġorġ fi knisja parrokkjali Għawdxija. Dan hu l-Katidral tal-Assunta.




Fl-2004, fin-navata tat-Tramuntana, ġiet mikxufa fil-kappellun tan-nofs il-Koppletta msejħa 'tad-Djoċesi', li tiċċelebra l-qima li l-Knisja f'Għawdex tagħti lill-Assunta, it-titular tal-Katidral u Patruna speċjali tal-gżejjer tagħna. Biex joħroġ dan, l-artist Pawlu Camilleri Cauchi (1940- ), fuq suġġeriment tal-istoriku Mons. Dr Joseph Bezzina, qiegħed ħdejn xulxin il-qaddisin patruni tal-knejjes parrokkjali ta' Għawdex qed jagħtu qima lil Santa Marija, li tidher bilqiegħda fuq is-sħab u bil-qamar taħt riġlejha, b'dirgħajha miftuħa f'ġest ta' interċessjoni. F'riġlejha hemm għarkupptejh il-Beatu Papa Piju IX, li fl-1864 waqqaf id-Djoċesi ta' Għawdex. Billi f'Għawdex hemm iktar minn parroċċa waħda ddedikata lill-Madonna, l-artist għażel li mal-qaddisin titulari li qed jirrappreżentaw l-erbatax-il parroċċa l-oħra Għawdxija jdaħħal ukoll patruni sekondarji. Kull qaddis jew qaddisa jidher iġorr f'idejh mudell ċkejken tal-knisja tar-raħal tiegħu.
Interessanti li Camilleri Cauchi wera attenzjoni lejn l-ordni storiku tal-qedem ta' kull parroċċa, u għalhekk minn fost dawn il-qaddisin patruni qiegħed l-eqreb lejn Santa Marija t-titular tal-eqdem parroċċa ta' Għawdex: San Ġorġ Martri. Il-qaddis jidher wieqaf, liebes l-armatura ta' suldat Ruman, jaqbad b'idu l-leminija l-mantell bajdani b'faxxi ħomor li juru l-grad tiegħu ta' tribun, bid-dragun misħuq taħt riġlejh. F'idu l-oħra qed iżomm mudell tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ

tal-Belt Victoria kif narawha llum, jiġifieri bin-navi b'kollox. Il-parti tas-salib Latin kienet inbniet fl-1678, waqt li n-navi ġew miżjuda fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Wieħed irid jgħid li sal-bidu tas-seklu għoxrin, fil-Katidral ta' Għawdex kien hemm xbieha oħra ta' San Ġorġ li kienet fost l-eqdem minn dawk kollha li ħa nsemmu. Fis-saqaf tal-Kor, impitter bħall-bqija tas-saqaf minn Ignazio Cortis fis-snin 1880, kien hemm ix-xbihat ta' San Ġorġ u Sant'Ursola, Patruni ta' Għawdex, qed jagħtu qima lil Marija Reġina fuq tron. Mix-xogħlijiet ta' Cortis baqa' biss l-erba' pendenti tal-erojini tat-Testment il-Qadim taħt il-koppla 'finta'. Meta saret il-pittura l-ġdida tas-saqaf minn Gianni Vella (bejn l-1909 u l-1917), San Ġorġ ma reġax iddaħħal.

**Il-Fontana**

Ftit passi biss bogħod mir-Rabat, fil-Knisja parrokkjali tal-Fontana ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, hemm żewġ xbihat ta' San Ġorġ. Il-Fontana, jew it-Triq tal-Għajn, kif inhu magħruf dan l-irħajjel f'riġlejn ir-Rabat minħabba l-għajn u l-wied sabiħ tiegħu, għandha rabtiet kbar mal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-belt Għawdxija. In-nies ta' dan ir-raħal huma fil-parti l-kbira tagħhom 'Ġorġjani', kif kien ukoll l-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Hili, li kien jiġi ħu l-mibki Arċipriet tar-Rabat Mons. Alfons Marija Hili. Barra minn hekk, kien fi Triq il-Għajn li kellha l-ewwel każin tagħha s-Soċjetà Filarmonika La Stella, marbuta tant mal-Parroċċa Ġorġjana Għawdxija.



Il-Fontana saret parroċċa fl-1911, imma s-Santwarju sabiħ tagħha kien diġà lest fl-1905. Minkejja ċ-ċokon tar-raħal u l-faqar tal-parruċċani ħafna minnhom sajjieda, huma bnew knisja eleganti bin-navi b'kollox u għamlu mill-aħjar biex iżejnuha bl-aqwa opri tal-arti. Fost dawn insibu fuq l-altari tal-ġnub xogħlijiet ta' Lazzru Pisani (1854-1932). Hu ħadem ukoll erba' kwadri żgħar għaż-żewġ kappelluni tal-ġnub, tnejn f'kull wieħed. Fuq kull ġenb tal-Altar tal-Madonna tar-Rużarju, insibu l-kwadri ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, il-ġenituri tal-Madonna, waqt li fuq il-ġnub tal-Altar ta' San Ġużepp, Pisani ħallielna kwadri ta' San Ġorġ u San Alfons Maria de Liguori. Dawn il-kwadri laterali nħadmu fl-1907. Hawn jidher ċar li l-artist, fil-figura li jippreżenta tal-qaddis martri, tnebbaħ mill-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-Bażilika Għawdxija tiegħu, xogħol Pietru Pawl Azzopardi fl-1839, u li erba' snin qabel kienet għadha kemm ingħatat kisja polikromatika minn Giuseppe Calì. Il-pittura ta' Pisani hi wisq inqas elaborata mill-istatwa f'dawk li huma dettalji, waqt li juża skema ta' kuluri pjuttost differenti. Il-martri jinsab wieqaf fuq blata u b'ħarstu lejn is-Sema.



Fi żmien il-parrokat tal-ħabrieki Mons. George Bezzina, hu ħa ħsieb ikompli jżejjen is-saqaf kollu tal-knisja b'pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, li inzerta jiġi wkoll ir-raġel ta' oħtu. Dan sar fuq medda twila ta' snin u tista' tgħid li l-opra baqgħet għaddejja sa dan l-aħħar. Fit-12 ta' Ġunju 1988, inkixfet l-Arzella tal-Orgni flimkien ma' xi kwadri oħra li kienu għadhom kemm tlestew fis-saqaf tal-korsija. Fid-19 tal-istess xahar, dawn ġew imbierka mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Hu proprju fl-Arzella tal-Orgni li tidher it-tieni xbieha ta' San Ġorġ f'din il-knisja. Hawn, Camilleri Cauchi jqiegħed lill-Qalb ta' Ġesù flimkien maż-żewġ Persuni l-oħra tat-Trinità fl-iktar parti importanti tal-arzella, bil-Madonna u San Ġużepp fuq kull naħa. Dawn, imbagħad, mill-ġdid huma mdawrin bil-qaddisin titulari ta' Għawdex, u magħhom ukoll Sant'Ursola, Patruna ta' Għawdex flimkien ma' San Ġorġ, San Publiju u Sant'Agata, Patruni ta' Malta, Sant'Indrija, is-Sekondu Patrun tal-Fontana, u San Franġisk minn Paola. Il-benefattur ta' din l-arzella kien Ġorġ Saliba 'il-Ħaxxiex'. Hawn, San Ġorġ, li jidher fil-parti ta' isfel tal-lemin tal-kwadru qed jitkellem ma' San Publiju, jidher bilqiegħda fuq is-sħab, liebes l-armatura ta' suldat u b'wiċċ tassew żagħżugħ, bl-elmu u l-palma f'idu u bid-dragun taħt riġlejh.

**San Lawrenz**



Anki r-raħal ta' San Lawrenz għandu rabtiet qodma mal-Parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex. Wara kollox, it-tnejn għandhom qaddis martri bħala titular.

Il-koppla ta' Ġużè d'Amato hija unika minħabba fis-sura u d-dimensjonijiet tagħha, u tista' titgawda minn ħafna postijiet f'din ix-xaqliba tal-punent ta' Għawdex. Il-proġett tal-pittura tagħha, għal darb'oħra tal-artist Għawdxi l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, ġie inawgurat fl-1 ta' Awwissu 1995, wara xogħol ta' tliet snin. Il-koppla hi mqassma f'sittax-il felli, f'kumplimentarjetà mal-qafas arkitettoniku mibni fuq sittax-il kolonna kbira li jirrepetu ruħhom sal-lanterna. Is-sittax-il kwadru fil-koppla jirrappreżentaw

qaddisin żgħażagħ martri tal-Knisja. It-tmien figuri weqfin jirrappreżentaw tmien qaddisin, erba' nisa u erbat irġiel, li wrew qlubija fil-martirju tagħhom: ibda minn San Lawrenz, u mbagħad Santa Katerina ta' Lixandra, Santa Margerita ta' Antjokja, Santa Luċija ta' Sirakuża, Sant'Ursola, San Ġorġ, San Bastjan u San Ġustinu. Jalternaw bejniethom imbagħad hemm tmien dekorazzjonijiet ta' stil Barokk li fiċ-ċentru tagħhom l-artist poġġa fi speċi ta' medaljuni l-uċuħ ta' tmien qaddisin martri oħra: San Iġinu, San Kaju, San Klement, San Feliċ I, San Tarċisju, Sant'Anjeże, Santa Marija Goretti u San Pankrazju. Dawn kollha flimkien jirrappreżentaw iż-żgħożija safja tal-Knisja Martri.
Għal darb'oħra hawn naraw lill-qaddis tagħna Ġorġi, fl-iprem taż-żgħożija tiegħu u b'ħarsa kemxejn imqita, liebes l-armatura ta' tribun Ruman u mantar ħamrani b'panneġġ dettaljat, b'id waħda jross mal-armatura ta' fuq sidru l-palma tar-rebħa, u bl-oħra jżomm xabla li tinfed ras id-dragun taħt riġlejh.



**Il-Munxar**

Il-Munxar hu wieħed mill-irħula żgħar ta' Għawdex u l-iżgħar parroċċa fl-età. It-titular tal-Knisja parrokkjali ddedikata lin-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl (1927) hu xogħol Robert Caruana Dingli (1882-1940), li f'Għawdex ħalla bosta xogħlijiet.
Iż-żewġ kwadri li l-istess artist ħadem fuq kull naħa tal-kwadru titulari huma rappreżentazzjonijiet taż-żewġ Patruni ta' Għawdex, San Ġorġ u Sant'Ursola. Fil-każ ta' San Ġorġ fuq ix-xellug, li tpitter fl-1920 u jġib il-firma tal-awtur, għal darb'oħra l-artist fl-ikonografija użata għażel li jikkupja l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex. Hawn kemm il-kuluri u kemm id-dettalji huma iktar fidili lejn l-oriġinal ta' Azzopardi, f'dik il-qagħda Neoklassika tiegħu. Din il-pittura aktarx toqrob ħafna lejn kif setgħet kienet tidher l-istatwa msemmija qabel l-artist Ġużeppi Briffa reġa' messha fl-1943, u allura għandha valur kważi fotografiku. Kif insibu mniżżel fl-istess pittura, il-kwadru tħallas minn Dr Alfredo Refalo, Reġistratur, li kien mill-Belt Victoria, u dan kien fi żmien ir-Rettur Dun Spir Gauci, billi l-Munxar kien għadu jagħmel ma' Ta' Sannat bħala parroċċa. Maġenb riġlejn il-qaddis hemm ukoll arma li, milli sajt nifhem, tinkorpora fiha, fost l-oħrajn, l-armi tal-familji Refalo u Gauci, il-benefattur u r-Rettur, għalkemm il-ħuġġieġa u l-wiċċ ta' bniedem jonfoħ lejn siġra ma jagħmlu parti mill-ebda waħda mill-armi taż-żewġ kunjomijiet.

**Iż-Żebbuġ**

Żgur li l-aktar xbieha 'moderna' u f'ċertu sens innovattiva ta' San Ġorġ li nsibu fi knisja parrokkjali f'Għawdex hi dik meqjuma fis-Santwarju arċipretali tal-Assunta fiż-Żebbuġ.



Din l-opra artistika hi xogħol ta' Emvin Cremona (1919-1987) u hi wieħed minn par kwadri laterali mpittra fl-1947 li jinsabu fuq kull naħa tal-Altar ta' San Pawl, fil-kappellun laterali fuq il-lemin tal-maġġur. Pariġġu, fuq ix-xellug tal-altar, hemm il-kwadru ta' Sant'Ursola, u għalhekk nifhmu li l-għan għal darb'oħra kien li jiġu rraffigurati ż-żewġ Patruni ta' Għawdex. Dan San Ġorġ aktarx ġie kkummissjonat mill-Arċipriet Francesco Mercieca, li kien devot kbir tal-qaddis, u sar b'donazzjoni ta' Salvu u Grezzja Saliba, bħalma tixhed l-arma fit-tarf ta' isfel tax-xellug.

Interessanti ferm li Cremona f'din il-knisja għandu ċiklu sħiħ ta' kwadri, li huma fost l-aktar kummissjonijiet bikrin tiegħu għal knisja; hu kien għadu qed jistudja, fil-fatt kien fl-aħħar sena fi Slade School, Londra. Ix-xogħlijiet ta' Emvin Cremona, meqjus fost l-aqwa artisti Maltin tas-seklu għoxrin, għandhom stil partikulari ħafna u jintgħarfu l-aktar mill-figuri mtawlin u l-użu paletta ta' lwien qawwija, għalkemm hawn fil-kwadru ta' San Ġorġ għandna karatteristiċi iktar 'tradizzjonali', waqt li jispikka l-kulur aħdar. Il-qaddis, kjarament f'raffigurazzjoni militari, jidher ħiereġ minn sfond arkitettoniku b'disinni ta' żewġ anġli fit-truf tal-arkata li hemm fuqu. F'idu l-waħda jżomm il-korazza kbira lewn il-bronż, waqt li fl-oħra qed iżomm bi kburija l-istendard tar-rebħa bil-bandiera tas-salib aħmar fuq sfond abjad, l-ilwien ta' Kristu Rxoxt – li mbagħad saru tal-bandiera Ġorġjana, għax San Ġorġ hu qaddis tal-Għid –, imma wkoll tal-Ingilterra li tagħha kienet kolonja Malta f'dan iż-żmien. Għalkemm naraw id-denb u l-ġwienaħ tad-dragun taħt riġlejn in-nobbli suldat rebbieħ, wiċċ il-bhima bilkemm jidher, ħlief għall-parti ta' fuq tal-lanza tinfidlu rasu.

**Anki fis-Santwarju Ta' Pinu**

Għalkemm mhijiex parroċċa, għażilt li f'din il-lista ta' xbihat impittra ta' San Ġorġ f'Għawdex ninkludi wkoll dik li nsibu fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fl-Għarb, u li aktarx ftit devoti ta' San Ġorġ jafu biha. F'dan it-tempju monumentali ddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija, ma nsibux daqstant pitturi imma mużajċi, li jikkumplimentaw ix-xogħol arkitettoniku mirqum fil-ġebla Maltija.

Matul il-korsija kollha nsibu ċiklu ta' tnax-il kwadru rettangolari tal-mużajk



fuq iż-żewġt iġnub ta' sitt niċeċ tal-Appostli, li wieħed jilmaħ bejn it-twieqi u l-arkati. Sitta minn dawn il-mużajċi jirrappreżentaw mumenti mill-ħajja ta' Marija, ieħor l-Inkurunazzjoni tagħha mit-Trinità Qaddisa, u l-aħħar ħamsa huma invokazzjonijiet mil-Litanija Lawretana. Dawn il-mużajċi ġew inawgurati fl-1945, wara li nħadmu l-Italja fuq l-oriġinali mpittra biż-żejt fuq it-tila mill-artist Malti Ġużeppi Briffa (1901-1987). Ma nafux eżatt fejn kienet il-fabbrika tagħhom, għalkemm meta l-kwadri preparatorji ttieħdu għar-restawr, instab miktub fuqhom li għaddew mid-"Dogana di Livorno". Dan ir-restawr sar bejn l-2010 u l-2013 minn Dun Charles Vella u Joanna Hili Micallef, bħala parti minn proġett b'fondi Ewropej li kien iġib l-isem "Niskopru turiżmu kulturali u reliġjuż f'Għawdex", u issa dawn jistgħu jitgawdew fis-swali tas-Sagristija tas-Santwarju. L-ilwien ta' dawn il-kwadri huma ħajja u ferrieħa, il-figuri surreali, waqt li l-istil huwa eklektiku, Romanesk bħal dak tal-knisja, u mħallat xi ftit mal-istil Liberty, kif kienet il-moda tal-epoka.
Il-kwadru tal-mużajk li jinteressana hu dak li jirrappreżenta l-invokazzjoni litanika lill-Verġni Marija bħala Sultana tal-Martri, u dan insibuh fuq il-lemin tan-niċċa bl-istatwa tal-Appostlu San Mattew, waqt li fuq ix-xellug hemm il-kwadru tas-Sultana tal-Appostli. Tarah malli tidħol mill-bieb prinċipali tas-Santwarju u tħares fl-għoli fil-korsija fuq il-lemin tiegħek, fuq it-tieni arkata mill-bieb. Hawn San Ġorġ hu l-ewwel wieħed mil-lemin fost tmintax-il qaddis u qaddisa martri, uħud minnhom wiċċhom mhux viżibbli, biex juri l-għadd bla tarf ta' martri li xerrdu demmhom għal Kristu matul elfejn sena ta' storja tal-Knisja. Fin-nofs tal-kwadru, il-Verġni Mbierka, bilqiegħda fuq tron li hu s-Salib ta' Binha, għandha f'idejha l-kuruna u l-imsiemer tal-Passjoni. Fuq rasha l-kuruna ta' Sultana tal-Martri, għax mhux biss Binha Ġesù kien il-Martri per eċċellenza, imma hi stess batiet miegħu dan l-ogħla sagrifiċċju li bih feda l-umanità.

Bħal xi oħrajn, San Ġorġ ukoll jidher bil-palma tal-martirju f'idu; il-lanza li biha qed jisħaq ras id-dragun imħaxken mal-mant tal-Madonna, fil-parti ta' fuq tagħha tinbidel fi stendard li ħaġa tal-iskantament iġorr il-Bandiera msejħa 'tar-Reliġjon', spiss assoċjata ma' San Ġwann Battista u l-Ordni ta' Malta, jiġifieri ta' salib abjad fuq sfond aħmar. Jista' jkun li l-artist qaleb il-bnadar, għax il-bandiera tal-Irxoxt li soltu naraw f'idejn San Ġorġ minflok hu qegħidha f'idejn Sant'Ursola, fit-tarf l-ieħor tal-ġemgħa tal-martri.

**San Ġorġ maħbub mill-Għawdxin**

Hemm xi elementi komuni bejn il-pitturi kollha li rajna. F'kollha, San Ġorġ jidher liebes l-uniformi militari ta' uffiċċjal Ruman, hu li kien tribun irrispettat fl-armata ta' Djoklezjanu. Fil-pitturi kollha l-qaddis jidher wieqaf, aktarx fuq blata, inkella bilqiegħda fuq is-sħab tas-sema. Hi assenti għalkollox il-figura taż-żiemel abjad li nsibuh warajh jew bil-qaddis riekeb fuqu fi xbihat oħra, għalkemm il-preżenza tad-dragun xorta turi rabta mal-leġġenda famuża meħuda mill-kitbiet tal-Isqof Jacobus de Voragine. F'kull pittura li rajna fil-fatt jidħol id-dragun, simbolu tax-xitan u l-ħażen li fuqu jirbaħ il-qaddis u minnu jiddefendi lill-Knisja ta' Kristu.



Ta' interess partikulari hu kif tnejn mill-artisti li semmejna – Lazzru Pisani fil-Fontana u Robert Caruana Dingli fil-Munxar – jagħżlu li jirraffiguraw lill-qaddis f'xebh kbir ma' kif jidher fil-kapolavur imnaqqax fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839 għall-Knisja parrokkjali tiegħu fil-Belt Victoria, l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Huwa ċar li l-'ikona' ta' San Ġorġ ta' Azzopardi ħalliet impatt deċiżiv fil-perċezzjoni ta' kif artisti lokali oħra ppreżentaw lill-istess qaddis martri fix-xogħlijiet tagħhom, u mhux biss statwi imma anki pitturi. Għandna wkoll tliet xogħlijiet tal-istess artist – Pawlu Camilleri Cauchi – u fil-fatt, l-għajn kritika, malajr tagħraf ċertu xebh fl-istil u l-ideat meta tqabbel it-tliet pitturi.

Fl-aħħar mill-aħħar, dawn ix-xbihat kollha mpittra ta' San Ġorġ fil-parroċċi Għawdxin huma xhieda ħajja li l-imħabba u l-qima lejh qatt ma kienu limitati biss għall-Knisja parrokkjali tiegħu fil-Belt Victoria, speċjalment minħabba li sa mill-qedem in-nies tal-gżira qimuh bħala Patrun tagħhom. L-Għawdxin minn dejjem ħabbewh lil San Ġorġ, u sabu fih Protettur u interċessur qawwi li fi żminijiet ta' tiġrib ħelishom mill-għawġ.

Bibljografija

ATTARD-HILI Aaron, Paul Camilleri Cauchi. The academic colorista, edited by Fr Charles Cini SDB, Malta 2014.
BEZZINA Joseph, Fontana u ġrajjietha, Għawdex 1986.
BEZZINA Joseph, The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum. History and guide (= Gaulitana 18), Gozo 42010.
FARRUGIA Joseph–FORMOSA Michael (ed.), San Ġorġ. Volum enċiklopediku fuq San Ġorġ, martri, Malta 2005.
L-Għajn il-Kbira 17 (Ġunju 1989), Ktejjeb tal-Festa tal-Parroċċa tal-Fontana.
Madonna Ta' Pinu 156 (Jannar-Marzu 2011); 166 (Lulju-Settembru 2013); 168 (Jannar-Marzu 2014), Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.
San Lawrenz u l-Knisja tiegħu. 1897-1997, Ktejjeb ta' tifkira maħruġ mill-Kumitat Festi Ċentinarji, San Lawrenz 1997.

L-awtur iżid irodd ħajr ukoll lill-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, Dun Gerard Buhagiar, Tiziana Castillo, Ray Grech, Salvatore Iozzi, Dun Michael Said u JJP Zammit għall-użu tar-ritratti ma' dan l-artiklu.

***Maħbub Ġorġi, f'din is-siegħa,***
***Li tfarraġna b'dawl is-sliem,***
***agħmel int li din imħabbitna***
***tkun fil-ħidma, mhux fil-kliem.***